MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2005

Numru 240/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**
**V**

**MOHAMMED ALI ABUKATIF**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MOHAMMED ALI ABUKATIF** ta' tnejn u tletin sena bin Ali u Latifa nee Moktar, imwieled Tripoli, Libja, nhar t-tnax ta' Dicembru 1972 u residenti Flat 3, Triq G. Xerri, San Giljan, detentur ta' passaport numru 969447 gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'San Giljan u f'dawn il-Gzejjer, fit-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005:

1. Ipproduca, biegh, jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

2. Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lil imputat sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap 101] datat tlieta w ghoxrin ta' Lul;ju 2005 markat bhala dokument CSH a fol 7 tal-process sabiex l-istess imputat jitressaq quddiem din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferita.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005 markata bhala dokument Y a fol 19 tal-atti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmienja ta' Awissu 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Oscar Garzia** [fol 7] fejn qal li bejn t-tnejn u ghoxrin w t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005, filghaxija, hu kien ma habib tieghu certu Antxon Taramona fuq xtajta f'Paceville wahedhom jixorbu meta gew avvicinati minn zaghzugh li qal li kien Malti. Dan kien twil u kien liebes qmis bajda bil-kmiem qosra, *round neck*. Mistoqsi jekk jaghrafx lil din l-persuna l-Qorti fl-awla, ix-xhud wiegeb li ma kien qed jgharaf lil hadd. Qal li wara li qaghdu jitkellmu mieghu, dan r-ragel staqsih jekk riedtx jixtri xi Cannabis u hu rrisponda li ried. Qal li hallas ghaxar liri maltin u kien gie moghti bicca zghira xi nofs pulzier f'tul. Din kienet giet moghtija lilu go bicca foil. Qal li siehbu Anton Taramona wkoll hallas l-istess prezz ghal bicca tieghu u li dawn z-zewg bicciet ma gewx moghtija lilhom dak l-hin hemmhekk izda kienu gabruha minn hdejn l-Burger King f'Paceville aktar tard.

Meta gie muri T shirt esibit l-Qorti bhala dokument T, ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid xejn fuq din t-T shirt.

Spjega li wara li qaghdu jitkellmu ftit, dan r-ragel hadhom hdejn il-Burger King ghand habib tieghu. Qal li l-habib ta' dan ragel kien hareg pakkett tas-sigaretti Marlboro u minnu hareg l-Cannabis u tahilhom. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk dan r-ragel li tahom il-Cannabis kellux aktar droga fil-pakkett tal-Marlboro, ix-xhud qal li ma kienx ta kaz. Ix-xhud ma gharaf lil hadd li kien tah d-droga fl-awla meta gie mistoqsi jaghmel dan mill-Qorti.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Antxon Taramona** [fol 12] fejn qal li hu u Osacar Garzia kienu qeghdin hdejn il-bahar jixorbu ghal habta ta' nofs il-lejl jew is-siegha ta' bejn t-tnejn w ghoxrin w it-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005, u bdew jitkellmu ma xi nies li dehru li kienu ta' nazzjonalita Gharbija. Qal li xi hin gie xi hadd minnhom u staqsihom kemm kienu ser idumu Malta u jekk riedux jixtru xi droga Cannabis u huma rrispondew fl-affermattiv. Qal li dan r-ragel kien qalilhom biex imorru mieghu ghand habib hdejn il-Burger King fejn habib ta' dan r-ragel kien tahom zewg bicciet Cannabis u huma hallsu ghaxar liri kull wiehed ghaliha.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk dan r-ragel li tahom il-Cannabis kellux aktar droga fil-pakkett tal-Marlboro, ix-xhud qal li ma kienx ta kaz. Meta gie mistoqsi jekk kienx l-imputat li kien tkellem maghhom hdejn il-bahar, ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid li kien hu mija fil-mija, <u>pero zied jghid li zgur ma kienx hu li tahom d-droga</u>. Qal li l-persuna li tkellem maghha hdejn il-bahar kien liebes T shirt bajda b'xi sinjali fuq quddiem. Qal li l-persuna li ghaddietilhom d-droga kien liebes T shirt bajda u jeans. Meta gie muri t-T shirt esibit l-Qorti w mmarkata bhala dokument T, ix-xhud qal li dak ghalih ma jfisser xejn. Meta gie muri kaxxa Lucky Star esibita fl-atti, ix-xhud qal li qatt ma kien raha qabel. Qal li hu kien ta lil dan r-ragel ghaxar liri u cioe karta ta' hames liri, zewg karti ta' zewg liri u lira filwaqt li siehbu Oscar Garzia tah karta ta' ghaxar liri shiha.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed PS 1086 Johan Micallef** [fol 22] fejn qal li bejn t-tnejn w ghoxrin w it-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005, hu kien ghaddej minn Paceville w innota erbgha zaghzagh fosthom lil imputat li gharaf presenti fl-awla, flimkien ma xi Spanjoli wiehed minnhom Oscar Garzia u l-iehor Antxon Taramona u waqaf jinnuthom. Qal li hin minnhom ra lil Antxon Taramona jghaddi xi flus lil imputat u ftit sekondi wara ra lil imputat jghaddi xi haga lil Antxon Taramona. Qal li huma hallew lil Ispanjoli jitbeghdu ftit u waqqfuhom u fil-but ta' Oscar Garzia sabu zewg bicciet suspettati droga mgezwra fil-foil. Meta Oscar Garzia gie mistoqsi fuq dan, hu qal li kien hallas ghoxrin lira ghal zewg pakketti u li dawk kienu xtrawhom ftit qabel minghand persuna ta' nazzjonalita Gharbija li kien liebes flokk abjad. Qal li hadu l-partikolaritajiet tal-ispanjoli.

Wara, hu flimkien ma Ufficjali ohra, marru jaraw jekk isibux lil imputat u kif rahom beda miexi fid-direzzjoni opposta u kif kien ser jaghti s-salt biex jitlaq jigri, marru fuqu u qalulu li kienu Pulizija. Dak il-hin hu mbuttah u waqqghu mal-art, dan nonostante hu kompla jigri u waqt li kien qed jigri ra li kellu xi haga fil-but. Qal li wara li arrestawh u kienu sejrin lura minn fejn kien ghadda, sabu landa u pakkett sigaretti li l-imputat kien ammetta li kienu tieghu. Meta gie muri flokk abjad, landa u flokk li kellu fuqu bl-ittri D&G kbar fuq quddiem blu skur, ix-xhud irrisponda li l-landa kien qed jaghrafha bhala l-istess landa tal-Lucky Strike li sabu dakinhar u li l-flokk hu l-istess wiehed li kien liebes l-imputat dakinhar. Qal li fil-fatt Antxon Taramona kien ikkonfermalu li l-imputat kien tah r-resin minn pakkett tas-sigaretti.

Qal li sussegwentement huma kienu marru fir-residenza tal-imputat li kienet giet indikata lilhom minnu stess, fejn sabu bicca sustanza ohra . Meta gie muri din il-bicca sustanza esibita, ix-xhud qal li kienet l-istess wahda li sabu fir-residenza tal-imputat dakinhar li marru jfittxu ghandu. Qal li fuq l-imputat instabu wkoll xi flus.

Mistoqsi jekk gharafx x'kien l-oggett li l-imputat ghadda lil Ispanjoli ix-xhud qal li ma identifikahiex. Qal li fuq il-

persuna tal-imputat ma sabu xejn meta waqqfuh hdejn il-Cavallieri. Qal li lil ispanjoli hu ma talabhomx sabiex jiddentifikaw lil imputat. Qal li meta hu ra lil ispanjoli, dawn kienu fl-entratura ta' quddiem l-istabbiliment Gha Kafe', maqtughin minn kulhadd vicin ta' xulxin u ghalhekk dahallu suspett fihom. Qal li fl-ebda hin ma karozzi xekkluh minn dak li kien qed jara hu u josserva lil imputat u l-ispanjoli. Qal li meta l-Ispanjoli qalulu li l-persuna li kienet tathom d-droga kien ta' nazzjonalita Gharbija u libes flokk abjad, il-persuna l-ohra li kienet fil-kumpanija tal-imputat kienet liebsa flokk griz skur u kien hemm kuntrast bejniethom. Qal li minn dak li osserva hu ra lil imputat biss jaghmel kuntatt fiziku mal-Ispanjoli.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehdet WPC 86 Diane Fenech** [fol 25] fejn qalet li bejn t-tnejn w ghoxrin w t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005, waqt li kienet Paceville ma PS 1086 Johan Micallef u PC 10 Trevor Cassar Mallia, ghal habta tas-siegha w nofs jew s-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu, ghaddejjin minn triq hdejn l-istabbiliment Ghal Kafe, raw zewg zaghzagh ta' nazzjonalita Spanjola li kienu qed jghamlu kuntatt ma zewg persuni ta' nazzjonalita Gharbija. Ix-xhud gharfet lil imputat bhala wiehed mill-persuni ta' nazzjonalita Gharbija li rat dakinhar.

Qalet li segwew liz-zewg zaghzagh Spanjoli li daru mal-Burger King u nizlu lejn Triq Wilga fejn xtraw pakkett lubretti King Size u waqqfuhom quddiem l-Ghal Kafe'. Qalet li fuqhom sabu zewg pakketti Cannabis li qalulhom li kienu xtraw ghal prezz ta' ghaxar liri kull wiehed minghand persuna bi flokk abjad. Qalet li regghu marru jippruvaw isibu lil dik il-persuna bil-flokk abjad u appena waslu hdejn il-Burger King, dik l-persuna li kien liebes flokk abjad, beda jhaffef l-pass biex johrog minn Paceville. Qalet li marru fuqu u beda jaghmel *hassel* mieghu biex ma jaghmlux tfittxija fuqu. Qalet li waqt t-tfittxija dan irnexxilu jahrab u waqqfuh hdejn il-Cavallieri Hotel u waqt tfittxija fuqu ma sabu xejn. Qalet li l-landa li kienu qalulhom biha l-barranin ma sabuhiex fuq il-persuna tieghu izda sabuha fil-lukanda taht kostruzzjoni u kien l-imputat stess li ammetta li kien hu li remiha hemmhekk. Meta x-xhud giet

murija l-landa esibita fl-atti, qalet li kienet l-istess landa li kienu gabru u li l-imputat kien qalilhom li kien rema' hemmhekk. Meta giet murija flokk abjad esibit fl-atti, ix-xhud kkonfermat li hu l-istess wiehed li kien liebes l-imputat dakinhar. Qalet li l-flus kienu fil-pussess tal-imputat u li meta wrietu l-karta tal-identita taghha biex turih li kienet Pulizija, l-imputat beda jhaffef l-pass biex jitlaq 'l hemm.
Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed PC 10 Trevor Cassar** [fol 28] fejn qal li tit-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005 ghal habta tas-siegha w nofs ta' filghodu kien ghaddej flimkien ma xi ufficjali tal-Pulizija f'ronda minn Paceville u meta waslu hdejn l-istabbiliment mgharuf bhala Ex Subway kien hemm l-imputat li gharaf presenti fl-awla li kien fil-kumpanija ta' persuna ohra u zewg zaghzagh. Qal li l-imputat kellu xi flus f'idejh. Qal li dawn kienu wara vettura tal-ghamla Marbella hamra. Qal li segwa liz-zaghzagh, waqqafhom u saret tfittxija fuqhom fejn instabu zewg bicciet raza fil-foil u meta gew mistoqsiija minn fejn gabuhom, dawn irrispondew li gabuha minn fejn il-Burger King minghand persuna li kien liebes flokk abjad. <u>Qal li hu kien ikkonkluda li kienu gabuha minghand dik il-persuna li rahom jitkellmu maghha qabel</u>.

Qal li hadu l-partikolaritjiet taz-zewg zaghzagh u telghu 'l fuq fejn raw lil dan l-Gharbi u kif marret WPS 86 Diane Fenech fuqu dan telaq jigri. Qal li l-Pulizija segwewh u lahquh hdejn il-Cavallieri Hotel w is-Sur Zammit arresta dak l-hin. Qal li ghamlu tfittxija hdejn l-lukanda fejn gabru bott sigaretti li kien tal-marka Lucky Strike fuq arm ta' crane u meta mar bih hdejn l-imputat u staqsih jekk kienx tieghu, l-imputat kkonfermalu li kien tieghu. Qal li l-imputat kien liebes flokk abjad bl-ittri D&G fuq quddiem. Meta ix-xhud gie muri l-flokk esibit fl-atti, ikkonferma li kien l-istess wiehed li kien liebes l-imputat dakinhar li kien gie arrestat. Qal li minn fuq il-persuna tieghu l-Pulizija gabru wkoll xi flus, <u>kienu xi erbgha w tletin lira f'muniti</u>.

Qal li saret wkoll tfittxija fir-residenza tal-imputat minn fejn giet elevata bicca raza ta' Cannabis minn kexxun tieghu. Ix-xhud kompla jghid li hu kien presenti waqt li l-imputat

irrilaxxja stqarrija wara li kien gie moghti s-solita twissija, li gharaf bhala dik esibita bhala dokument Y fl-atti odjerni datata tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005 u fuqha gharaf kemm il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Pierre Grech kif wkoll tal-imputat odjern.

Spjega li waqt li l-imputat kien qed jitkellem mal-ispanjoli, rah bil-flus f'idu. Qal li maghhom kien hemm wkoll persuna bi flokk griz, ghalkemm ma tantx ra lil persuna l-ohra. Ix-xhud zied jghid li pero lil imputat ma rahx bid-droga f'idu, ghalkemm kien gieh suspett.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li l-imputat kellu mohbi fid-dar tieghu bicca rasa tal-Cannabis. Din tirrizulta mit-tfittxija li ghamlu PS 1086 Johan Micallef u PC 10 Trevor Cassar Mallia nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005 fir-residenza tieghu. Meta huwa gie mistoqsi a tempo vergine tal-investigazzjoni, meta rrilaxxja stqarrija, ta' min kienet r-raza tal-Cannabis, l-imputat wiegeb li ma kienx jaf ta' min kienet.

Illi fis-seduta tat-tmienja ta' Awissu 2005, l-imputat, tramite l-Avukat Difensur tieghu, ddikjara li s-sustanza misjuba ghandu, keinet droga u cioe r-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis w ghalhekk ezenta lil Qorti mill-htiega li tinnoma espert sabiex janalizza l-istess sustanza.

Illi ghalhekk, ma hemmx dubbju in vista ta'dak li jirrizulta mill-provi mismigha li l-ewwel akkuza ta' pussess ta' droga u cioe raza ta' Cannabis, tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti.

Dwar t-tieni akkuza, il-Qorti rat li x-xhieda mhux daqstant konvincenti. <u>Hadd</u> miz-zewg zaghzagh Spanjoli li xtraw d-droga raza tal-Cannabis misjuba fuq il-persuna taghhom <u>ma identika lil imputat bhala l-persuna li beghtilhom d-droga</u>, filwaqt li x-xhud <u>Oscar Garzia</u> fil-bini tal-Qorti mill-pedana tax-xhieda, <u>jichad li jgharaf lil imputat bhala l-istess persuna li bieghtlu d-droga</u>. Ix-xhud <u>Antxon Taramona</u> jghid li l-persuna li kienet liebsa flokk abjad b'xi

sinjali suwed fuq quddiem, kienet l-imputat li kellimha waqt li kienu hdejn l-bahar izda jichad li kien l-istess persuna li bieghtlu d-droga ftit qabel.

**WPC 86 Diane Fenech** tghid li l-imputat kien wiehed minn zewg persuni ta' nazzjonalita Gharbija li kienet qed taghmel kuntatt ma zewg zghazagh Spanjoli. Fl-ebda hin ma tghid pero li l-imputat biegh xi droga lilhom.

**PC10 Trevor Cassar Mallia** jghid li ra lil imtaut bi flus f'idejh hdejn l-istabbiliment Ex Subway wara vettura tal-ghamla Marbella. Mistoqsi jekk rax l-persuna l-ohra, x-xhud wiegeb li ma tantx rah u li kien biss tah daqqa t'ghajn. Ikkonferma li lil imputat ma rahx bid-droga f'idejh, imma gieh suspett.

Fid-dawl ta' din x-xhieda prodotta, il-Qorti ma thossiex konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-imputat li effettivament biegh d-droga lil Ispanjoli u fid-dawl ta' din l-incertezza ghalhekk, il-Qorti ma tistax ssib lil imputat hati tal-akkuza ta' traffikar jew bejgh ta' droga.

**Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8(a)(b)) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat MOHAMMED ALI ABUKATIF hati tal-akkuza ta' pussess ta' droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' erbgha mitt lira maltin [LM400] u mhux hati tal-akkuza ta' traffikar ta' droga u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------